# FIL-QORTI KRIMINALI

## Imhallef

## Onor. Patrick Vella B.A., LL.D., Mag. Juris (EUR Law)

**Att ta' Akkuza**
**Nru. 2/95**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs**

**John Polidano**
**Vincent sive Censu Spiteri**
**Omissis**
**Silvio sive Salvatore Pace**

**Illum, 11 ta' Frar, 2002.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza 2/1995.

Rat it-tlett verdetti moghtija separatament mill-Guri fid-9 ta' Frar, 2002, fil-konfront ta' kull wiehed mill-fuq imsemmija **John Polidano, Vincent sive Censu Spiteri u Silvio sive Salvatore Pace,** li bih sab:

A. **Lill-John Polidano:**

1. Bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra, **HATI**, u dana bhala komplici biss, ta' l-akkuza taht l-Ewwel Kap;

2. Unanimament **HATI**, u dana bhala komplici biss, ta' l'akkuza taht ir-Raba Kap.

B. **Lill-Vincent sive Censu Spiteri**:

1. Bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra, **HATI**, u dana bhala komplici biss, ta' l-akkuza taht it-Tielet Kap (Kap Alternattiv ghall-Ewwel u t-Tieni Kapi), izda minghajr ic-cirkostanza li dak l-hruq qabbad il-bini, gharix jew lok iehor;

2. Unanimament **HATI**, u dana bhala komplici biss, ta' l-akkuza taht ir-Raba Kap.

C. **Lill-Silvio sive Salvatore Pace**

1. B'seba (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra, **HATI** ta' l-akkuza taht l-Ewwel Kap;

2. Unanimament **HATI** ta' l-akkuza taht ir-Raba Kap; u

3. Unanimament iddikjarah u sab li huwa recidiv.

Rat illi hames (5) Gurati minn disgha (9) talbu lil din il-Qorti li tuza l-klemenza taghha ma' John Polidano, li erba (4) Gurati minn disgha (9) talbu lil din il-Qorti li tuza l-klemenza taghha ma Vincent sive Censu Spiteri, u li l-Gurati kollha, unanimament, talbu lil din il-Qorti tuza l-klemenza taghha ma' Silvio sive Salvatore Pace.

Tiddikjara ghalhekk lill:

1. **JOHN POLIDANO** **hati** talli:

A. Bhala komplici biss, dolozament, b'sustanza esploziva, ghamel esplozzjoni li tista' tqieghed f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b'dan li b'dan il-fatt persuna tilfet hajjitha;

B. Bhala komplici biss, flimkien ma' ohrajn, bil-hsieb li jiksbu ghalihom innifishom, jew ghall-haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggew, xerrdu l'hawn u l'hemm jew gharrqu b'xi mod li jkun, hwejjeg taghhom.

2. **VINCENT SIVE CENSU SPITERI** **hati** talli:

A. Bhala komplici biss, volontarjament ta n-nar lill-bini, gharix, jew lok iehor (dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor), izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, jew volontarjament ta n-nar lill-materjal li jaqbad, u dan il-bini, gharix jew lok iehor, jew dan il-materjal, ikun qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lill-bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gewwa jkun hemm persuna, **izda minghajr ic-cirkostanza li dak il-hruq qabbad il-bini, gharix jew lok iehor;**

B. Bhala komplici biss, flimkien ma' ohrajn, bil-hsieb li jiksbu ghalihom innifishom, jew ghall-haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggew, xerrdu l'hawn u l'hemm, jew gharrqu b'xi mezz li jkun, hwejjeg taghhom.

3. **SILVIO SIVE SALVATORE PACE** __**hati**__ talli:

A. Dolozament, b'sustanza esploziva, ghamel esplozzjoni li tista' tqieghed f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b'dan li b'dan il-fatt persuna tilfet hajjitha;

B. Flimkien m'ohrajn, bhala awtur, bil-hsieb li jiksbu ghalihom innfushom, jew ghall-haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggew, xerrdu l'hawn u l'hemm jew gharrqu b'xi mezz li jkun, hwejjeg taghhom;

C. Sar Recidiv billi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' l-24 ta' April, 1989, fl-ismijiet 'Il-Pulizija –vs- Silvio Pace', hu kien gie misjub hati ta' diversi reati, fosthom tentattiv ta' serq aggravat u kien gie kundannat ghall-tlett snin prigunerija.

Semghet lix-xhieda prodotti kemm minn naha tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll minn naha tal-hati Vincent sive Censu Spiteri, u dan ghall-fini tal-piena.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena maghmulha kemm mill-Avukat Prosekutur Dr. Anthony Barbara, kif ukoll mill-Avukati Difensuri tal-hatja, u cioe' Dr. Joseph Mifsud ghall-hati John Polidano, Dr. Michael Sciriha ghall-hati Vincent sive Censu Spiteri, u Dr. Malcolm Mifsud ghall-hati Silvio sive Salvatore Pace, rispettivament.

Hadet in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, fosthom is-segwenti:

1. Illi d-delitti li bihom gew akkuzati John Polidano, Vincent sive Censu Spiteri, w Silvio sive Salvatore Pace, partikolarment dawk taht l-Ewwel Kap (Esplozzjoni taht l-Artikolu 311 tal-Kap. 9), taht it-Tieni Kap bhala Kap Alternattiv ghall-Ewwel Kap, u taht it-Tielet Kap bhala Kap Alternattiv ghall-Ewwel u t-Tieni Kapi (Nar biss, minghajr esplozzjoni, taht l-Artikoli 316 u 317 tal-Kap. 9 rispettivament), huma kollha Delitti Kontra S-Sigurta' Pubblika w Fuq Hsarat Fil-Propjeta', u huma delitti li gja fihom innifishom, di natura propja, huma ferm gravi w serji hafna.

2. Illi dawn l-istess delitti jigu aggravati meta bhala konsegwenza naturali tal-fatt li jikkostitwixxi l-att materjali ta' kull wiehed minnhom ikun hemm il-mewt ta' xi persuna, ghalkemm din ma tkunx wahda intenzjonata.

3. Illi fil-kaz odjern, dak kollu li gara fl-incident li sehh ghall-habta tat-3.30 ta' filghodu fil-pjazza centrali ta' Rahal Gdid fil-lejl ta' bejn is-17 u it-18 ta' Marzu, 1992, kwazi ghaxar (10) snin ilu, kien biss ir-rizultat ta' pjan, ta' mezz, biex tigi defrawdata s-socjeta' assikuratrici li kienet tkopri l-hanut 'Oxford Photo Studio', li kien sitwat fl-imsemmija pjazza, u li kien ilu gestit ghall-xi erbatax (14) il-sena cirka mill-hati John Polidano.

4. Illi f'dan il-pjan imsemmi ta' frodi ghad-dannu ta' socjeta' assikuratrici, kif jirrizulta issa wara s-smiegh tal-provi w l-verdett tal-Guri fuq kull wiehed mill-fuq imsemmija tlett persuni akkuzati w misjuba hatja f'dawn il-proceduri, ippartecipaw fih l-istess hati John Polidano w z-zewg hatja l-ohra Vincent sive Censu Spiteri w Silvio sive Salvatore Pace.

5. Illi ghalhekk ir-raguni jew movent wara dan il-pjan ta' frodi ghad-dannu tas-socjeta' assikuratrici kien unikament il-gwadann finanzjarju li kien sejjer jaghmel John Polidano, u l-kumpens finanzjarju li z-zewg hatja l-ohra kienu gew imweghda li jinghataw wara li dan il-pjan ikun irnexxa w/jew jsir il-hlas mis-socjeta' assikuratrici.

6. Illi ai termini tal-verdett moghti ghall-kull hati, hu car li sabiex jilhqu dan l-iskop ta' gwadann finanzjarju, xi persuni minn dawk misjuba hatja ma qiesu xejn, jew ma kien jimpurtahom xejn mill-konsegwenzi li l-mezz li effettivament gie wzat biex jintlahaq dan l-iskop setgha igib, u li fil-fatt gab, cioe', il-hsarat konsiderevoli ta' eluf ta' liri li garrbu diversi postijiet vicin u adjacenti l-imsemmi hanut ta' John Polidano, fosthom il-qerda totali ta' dan il-hanut, tal-kazin u bar tal-Malta Labour Party, tal-Catholic Book Shop, tas-sezzjoni tal-bniet ta' l-Azzjoni Kattolika, tal-flats numerati 2 u 5 mill-blokk ta' appartamenti 'St. Andrew's Flats', Zabbar Road, Paola, u hsarat ohra f'diversi postijiet ohra fil-vicinanzi ta' l-incident, kif ukoll il-mewt ta' zewg persuni, Yvette Bonnici w binha Sean, li fil-hin ta' l-incident kienu reqdin fil-kwiet ta' darhom, u cioe' fil-flat 5 tal-imsemmi blokk ta' appartamenti u fejn maghhom kien hemm Vincent Bonnici, zewg Yvette w missier Sean Bonnici, li, izda, sofra biss griehi mhux ta' natura gravi.

7. Illi il-verdett moghti mill-Guri ghar-rigward tat-tlett hatja juri b'mod ferm car ukoll is-sehem ta' kull wiehed minnhom fil-mezz li kien originarjament ippjanat li kellu jigi wzat biex jintlahaq l-iskop tal-gwadann finanzjarju, u f'dak li effettivament intuza.

8. Illi dan il-verdett juri, per ezempju, li l-partecipazzjoni tal-hati Vincent sive Censu Spiteri kienet dik ta' sensar li sab persuna jew persuni biex skond il-hsieb komuni li hu kellu mal-partecipanti l-ohra, dawn fizikament kellhom jaghtu biss in-nar lil xi stokk antik li kien hemm fil-hanut tal-hati Polidano.

9. Illi minn naha l-ohra, dan il-verdett, fil-kaz tal-hatja John Polidano w Silvio sive Salvatore Pace, juri li l-Guri kien moralment konvint li, ghall-anqas fil-mument ta' l-att li wassal ghall-esplozzjoni, jekk mhux minn qabel ukoll, dawn ghamlu xi haga ohra, li ma kienetx tifforma parti mill-hsieb komuni, u dan meta Censu Spiteri ma kien jaf b'xejn, l-ghaliex f'dak il-hin hu kien rieqed d-dar tieghu mal-familja tieghu, liema haga ohra rrendiet aktar gravi d-delitt, cioe', id-delitt taht l-Ewwel Kap, dak ta' l-esplozzjoni maghmula dolozament b'sustanza esplozziva li tista tqieghed f'perikolu l-hajja ta'

haddiehor jew tghamel hsara gravi fi hwejjeg haddiehor, u mhux aktar id-delitt ta' hruq biss kif kontemplat fit-Tieni w it-Tielet Kapi.

10. Illi l-fatti rizultanti minn dan l-incident juru li dak li gara effettivament kien ferm aktar mill-hruq biss ta' dan l-istokk antik li kien hemm fil-hanut tal-hati John Polidano, dan ghaliex fil-fatt saret esplozzjoni ferm qawwija li gabet l-konsegwenzi msemmija qabel, inkluza l-mewt ta' tnejn minn nies.

11. Illi l-verdett kif moghti mill-Guri ghar-rigward il-hati Vincent sive Censu Spiteri juri li l-Guri hawnhekk applika dak li jghid l-Artikolu 45 tal-Kodici Kriminali, fis-sens li skond il-ligi, komplici f'delitt ma jkunx ukoll kriminalment responsabbli daqs l-awtur jew komplici iehor fid-delitt meta, ad insaputa tieghu, xi hadd minn dawn imsemmija jaghmel xi haga li jirrendi d-delitt aktar gravi. Fil-fatt fid-delitt kif misjub hati tieghu Vincent sive Censu Spiteri, ic-cirkostanza tal-mewt ta' xi persuna jew aktar mhiex xi cirkostanza aggravanti peress li l-Guri ddecieda li n-nar ma kienx ikkomunika jew infirex fil-post fejn kienet il-familja Bonnici, u allura, ic-cirkostanza tal-mewt ta' persuna jew persuni, f'dan il-kaz, fejn in-nar ma kienx qabbad il-post fejn kienet din il-persuna jew persuni, hija rrilevanti, fis-sens li dan il-hati mhuwiex responsabbli ghal din ic-cirkostanza, kif huma responsabbli, mill-banda l-ohra, l-hatja l-ohra taht l-ewwel Kap. Id-delitt li tieghu gie misjub hati Vincent sive Censu Spiteri hu dak kontemplat fl-Artikolu 317 (b) tal-Kodici Kriminali.

12. Illi l-fatt li l-Guri sab lill-John Polidano w Silvio sive Salvatore Pace hatja tad-delitt taht l-Ewwel Kap, dak ta' l-esplozzjoni, filwaqt li sab lill-Vincent sive Censu Spiteri hati taht it-Tielet Kap, dak tan-nar biss (minghajr esplozzjoni) u minghajr ic-cirkostanza li dan in-nar fil-fatt qabbad il-post fejn kienet il-familja Bonnici, juri b'mod evidenti li l-Guri kien sab li f'dak li ghamlu John Polidano w Silvio sive Salvatore Pace, huma kienu marru oltra l-hsieb komuni originali tal-hruq biss, u dan meta Vincent sive Censu Spiteri ma kien jaf b'xejn.

13. Illi l-verdett moghti mill-Guri ghar-rigward ta' kull wiehed mill-hatjin, apparti li dan hu verdett ferm car li juri li l-Guri fehem u sab x'kienet effettivament il-partecipazzjoni ta' kull wiehed mill-hatjin u safejn din il-partecipazzjoni ta' kull wiehed minnhom kienet twassal ghal dik li hi responsabilita' kriminali, hu wkoll verdett ferm qawwi w jirrifletti sewwa l-gravita' ta' l-agir tal-hatja w tad-delitti li kull wiehed minnhom wettaq, u skond kif misjuba hatja, cioe' riferibbilment ghal dak li fil-fatt kienet il-partecipazzjoni ta' kull wiehed minnhom individwalment.

14. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz u tal-konsegwenzi dizastruzi w tragici, din il-Qorti ma tistghax issa, wara verdett hekk car u qawwi, ma tesprimiex ukoll l-istmerrija taghha ghal dan l-agir ferm irresponsabbli tal-hatja kollha.

15. Illi hu f'dan l-isfond li f'dawn il-proceduri, in vista tal-fatti li rrizultaw, in vista tal-konsegwenzi gravissimi li segwew, in vista tal-fatt li dak li ghamlu l-hatja ghamluh ghaliex raw biss xi gwadann finanzjarju ghalihom **<u>'minn din il-bicca xoghol'</u>** (kif giet deskritta fl-istqarrijiet taghhom), u ma qiesu xejn aktar, il-Qorti tara li ghalkemm il-Guri talabha li turi l-klemenza taghha mal-hatja, klemenza li f'okkazzjonijiet ohra precedenti hi ma kellha ebda ezitazzjoni li taghti minhabba xi cirkostanzi partikolari f'dawk l-okkazzjonijiet, u liema klemenza ghalhekk hi taghti biss fid-diskrezzjoni taghha skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz ai termini ta' l-Artikolu 484 tal-Kodici Kriminali, liema Artikolu jesigi li l-Guri, jew anke jekk ikun Gurat wiehed biss, dawn ghandhom jaghtu r-raguni l-ghaliex qed issir it-talba ghall-klemenza, liema raguni ma nghatatx f'dawn il-proceduri, tara, pero', li f'dan il-kaz odjern partikolari, ghar-ragunijiet gja' msemmija minnha, apparti l-hsarat konsiderevoli li gew kagunati lid-diversi propjetajiet, izda partikolarment minhabba l-fatt tragiku li f'dan l-incident u bhala konsegwenza diretta ta' l-esplozzjoni zewg persuni, cioe' Yvette Bonnici, omm zaghzugha ta' 24 sena, u binha Sean Bonnici, tarbija ta' dsatax il-xahar, innocentement tilfu hajjithom meta spiccaw mirduma taht id-debris li waqa' meta iggarrfu ghall-kollox il-flat taghhom stess fejn kienu joqghodu, il-flat numru 5 tal-blokk ta' appartamenti msemmija qabel, u l-fatt numru 2 li kien taht dak taghhom, tara, ghalhekk, taht dawn ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, li fid-diskrezzjoni taghha konxjenzjosament ma tistghax tikkunsidra jew tilqa' din it-talba tal-Guri w dan ghar-rigward il-hatja kollha. Il-bini distrutt, minkejja li kien hemm eluf kbar ta' liri f'danni, fil-maggjor parti tieghu rega' telgha mill-gdid, u llum prattikament kollox jinsab ghan-normal fejn sehh dan l-incident. Ghal kuntrarju, Yvette Bonnici u binha Sean mietu w hadd ma jista' jerga' jgibhom lura. Kull ma jibqa taghhom hija l-memorja f'mohh il-familjari, tifkira ta' niket u dwejjaq kbar u bla limitu ghal din il-mewt hekk tragika w bla bzonn, kagunata biss minhabba il-kilba ghall-flus ta' haddiehor.

16. Hu propju ghalhekk, mela, li f'dan il-kaz hekk serju w gravi, bil-fattispecie w cirkostanzi partikolari tieghu, li l-Qorti thoss li ghal dik li hija l-piena adegwata li ghandha tigi applikata, din ghandha tkun propju dik massima li l-ligi stess tistabbilixxi ghad-delitt li kull akkuzat gie misjub hati tieghu mill-Guri.

17. Tixtieq tirrileva li meta din il-Qorti giet biex tara liema piena hija adegwata fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha li semmiet, hi kkunsidrat dak li qalu x-xhieda prodotti illum, kemm dawk prodotti minn naha tal-hati, Vincent Spiteri , cioe' Anthony Bezzina w Monica Fenech, kemm ukoll ix-xhud prodotta minn naha tal-prosekuzzjoni, cioe' Frances Camilleri li tigi oht il-mejta Yvette Bonnici, izda wzat biss id-diskrezzjoni taghha bazata fuq il-buon sens, fuq dak li hi tara li tassew jaghmel gustizzja. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar x'piena ghandha taghti f'dawn ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u qieset sewwa l-fattur li l-piena ghandha tirrifletti l-verdett car u

qawwi li nghata, li veru, pero’, ma kienx wiehed unanimu. Il-piena li sejra tigi nflitta minn din il-Qorti certament mhiex xi piena bazata fuq xi forma ta’ vendikazzjoni jew tpattija, izda hija unikament bazata fuq dak li trid u tistabbilixxi l-gustizzja, gustizzja li tassew ghandha tidher apertament li qed tigi mharsa w amministrata, u dan biex jinholoq sens ta’ bilanc, u fl-istess hin tkun fl-interess kemm ta’ l-istess persuni misjuba hatja, fl-interess tas-socjeta’, u mhux anqas fl-interess tal-vittmi.

18. Ikkunsidrat kull cirkostanza ohra li dehrilha rilevanti.

Ghalhekk ghar-rigward l-hatja **John Polidano w Silvio sive Salvatore Pace**, dan ta’ l-ahhar tenut kont li huwa recidiv ukoll, wara li l-Qorti rat l-Artikoli 17 (a), 42, 45, 49, 50, 311, 312 (1), 295, u 533 tal-Kodici Kriminali, tiddeciedi billi tikkundanna lil kull wiehed minnhom ghall-piena ta’ ghomor prigunerija.

Ghar-rigward il-hati **Vincent sive Censu Spiteri,** wara li rat l-Artikoli 17, 42, 45, 295, 317, 317 (b) u 533 tal-Kodici Kriminali, tiddeciedi billi tikkundannah ghall-hames (5) snin prigunerija mil-lum, u dan minghajr l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali.

Inoltre ghar-rigward l-ispejjes peritali konnessi ma’ dawn il-proceduri, ammontanti globalment ghas-somma ta’ erbat elef, tlett mija, tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm4,398.65c), il-Qorti tikkundanna (1) lill-**John Polidano** sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas l-ammont ta’ elf, erba mija, sitta w sittin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm1,466.22c), sehmu minn dawn l-ispejjes peritali, (2) lill-**Vincent sive Censu Spiteri** sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas l-ammont ta’ elf, erba mija, sitta w sittin lira Maltin, u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm1,466.22c), sehmu minn dawn l-ispejjes peritali, u (3) lill-**Silvio sive Salvatore Pace** sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas l-ammont ta’ elf, erba mija, sitta w sittin lira maltin, u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm1,466.22c), sehmu minn dawn l-ispejjes peritali, b’dan li jekk ma jsirx dan il-hlas fiz-zmien prefiss, dawn l-ispejjes peritali jistghu jigi konvertiti fi zmien ta’ prigunerija ulterjuri skond il-ligi, u salv kull provvediment iehor li tista’ tiehu din il-Qorti.

(ft) Joseph Sammut
Dep/Registratur